

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1885

tas-6 ta' Novembru 2019

li tistabbilixxi r-regoli għall-kalkolu, il-verifika u r-rappurtar ta' data dwar ir-rimi ta' skart f'landfill muniċipali f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/738/KE

(notifikata bid-dokument C(2019) 7874)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 5a(4) u 15(5) tagħha,

Billi:

- (1) L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-ammont ta' skart muniċipali mitfugħ f'landfill sabiex juru li l-miri stipulati fid-Direttiva 1999/31/KE huma ssodisfati. Jenħtieġ li r-regoli għall-kalkolu ta' dawk il-miri jiżguraw li d-data pprovduta mill-Istati Membri kollha tkun valida u komparabbli.
- (2) Sabiex jiġi żgurat li l-kalkolu jirrifletti kemm verament qed isir rimi fil-landfills, jenħtieġ li l-ammont ta' skart rapportat li ntefa' f'landfill ikun jinkludi l-iskart muniċipali kollu mormi f'landfills imsemmi fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 5a(1) tad-Direttiva 1999/31/KE u li ma ssir l-ebda korrezzjoni għall-kontenut ta' ndewwa tiegħu. F'ċerti każijiet, l-iskart muniċipali trattat aċċettat u ddepożitat fil-landfills, bħalma huwa l-iskart muniċipali bijodegradabbli stabbilizzat, jgħin biex jiżgura konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 5 tal-Anness I tad-Direttiva 1999/31/KE dwar miżuri li għandhom jittieħdu biex jitnaqqsu l-inkonvenjenzi u l-perikli li jiġu mil-landfill. Peress li tali skart muniċipali fil-fatt jiġi depożitat fil-landfill, jenħtieġ li jiġi inkluż fl-ammont ta' skart muniċipali rrapportat bħala mormi f'landfills u jenħtieġ li ma jiġix jiġi assenjat għal operazzjonijiet ta' rkupru.
- (3) Peress li l-miri tal-landfills għall-iskart muniċipali stabbiliti fid-Direttiva 1999/31/KE jikkonċernaw l-istess fluss ta' skart bħall-miri ta' riċiklaġġ għall-iskart muniċipali stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, ir-regoli ta' kalkolu għall-iskart muniċipali rrapportat li ġie mormi f'landfills jenħtieġ li jkunu konsistenti mar-regoli ta' kalkolu għar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali stabbilit fid-Direttiva 2008/98/KE u fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1004 ⁽³⁾.

Għalhekk, f'sitwazzjoni fejn l-iskart muniċipali jiġi ttrasportat minn Stat Membru lejn Stat Membru ieħor jew lejn pajjiż terz għall-fini ta' riċiklaġġ jew irkupru ieħor f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, l-ammont ta' skart li jitneħħa fil-pajjiż ta' destinazzjoni matul it-trattament preliminari qabel ma l-iskart muniċipali jidħol fl-operazzjoni ta' riċiklaġġ, u li mbagħad jintrema f'landfill, jenħtieġ li jkun inkluż fl-ammont ta' skart muniċipali rrapportat li jkun intrema f'landfill mill-Istat Membru fejn ikun inġabar l-iskart muniċipali.

⁽¹⁾ ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1004 tas-7 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli għall-kalkolu, għall-verifika u għar-rappurtar tad-data dwar l-iskart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2012) 2384 (ĠU L 163, 20.6.2019, p. 66).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).

- (4) Skont l-Artikolu 5a(1)(c) tad-Direttiva 1999/31/KE, l-ammont ta' skart muniċipali li jgħaddi minn operazzjonijiet ta' rimi b'inċinerazzjoni sabiex imbagħad jintrema f'landfill għandu jiġi rrapportat bħala mormi f'landfill. Sabiex jiġi żgurat li l-ammont ta' skart muniċipali rrapportat bħala mormi f'landfill ma jinkludix frazzjonijiet ta' skart muniċipali li jgħaddu minn operazzjonijiet ta' rimi ta' inċinerazzjoni iżda li fil-fatt ma jintremewx f'landfills, il-materjali li joriġinaw mill-iskart muniċipali li mbagħad jiġu rkuprati mill-iskart li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' rimi b'inċinerazzjoni jenħtieġ li jitnaqqsu mill-input għall-operazzjonijiet ta' rimi b'inċinerazzjoni.
- (5) L-Artikolu 11a tad-Direttiva 2008/98/KE jistabbilixxi regola speċifika fir-rigward tal-kalkolu tal-ammont ta' skart muniċipali li jiġi ppreparat għall-użu mill-ġdid, kalkolu li jeskludi l-iskart kollu li jitneħħa b'riżultat ta' operazzjonijiet ta' verifika, ta' tindif u ta' tiswija biex ikun jista' jintuża mill-ġdid mingħajr ma jkompli jiġi separat jew proċessat b'mod preliminari. Meta mbagħad l-iskart li jitneħħa jintrema f'landfill, dan jenħtieġ li jiġi inkluż fl-ammont ta' skart muniċipali rrapportat bħala mormi f'landfill sabiex jiġi evitat li la jiġi rrapportat bħala mħejji għall-użu mill-ġdid u lanqas bħala li ntrema f'landfill, u biex jiġi żgurat li d-data dwar l-iskart muniċipali tkun koerenti u tirrifletti kemm verament qed isir rimi fil-landfills.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1004, l-iskart li jitneħħa waqt ir-riċiklaġġ tal-bijoskart muniċipali ma għandux jiġi inkluż fir-rati ta' riċiklaġġ għall-iskart muniċipali. Meta mbagħad l-iskart li jitneħħa jintrema f'landfill, dan jenħtieġ li jiġi inkluż fl-ammont ta' skart muniċipali rrapportat bħala mormi f'landfill sabiex jiġi evitat li la jiġi rrapportat bħala riċiklat u lanqas bħala li ntrema f'landfill, u sabiex jiġi żgurat li d-data dwar l-iskart muniċipali tkun koerenti u tirrifletti kemm verament qed isir rimi fil-landfills.
- (7) Skont l-Artikolu 5a(1)(d) tad-Direttiva 1999/31/KE, l-ammont ta' skart prodott matul l-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ tal-iskart muniċipali li mbagħad jintrema f'landfill ma għandux jiġi rrapportat bħala mormi f'landfill. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-punti tal-kalkolu għar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1004, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat li l-iskart prodott matul l-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ jirreferi għal skart prodott waqt l-ipproċessar mill-ġdid li jseħħ wara dawk il-punti tal-kalkolu.
- (8) L-Istati Membri għandhom jirrapportaw data dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafi 2, 5 u 6 tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 1999/31/KE fil-format stabbilit mill-Kummissjoni. Id-data għandha tkun akkumpanjata minn rapport ta' verifika tal-kwalità. Jenħtieġ li dak il-format jiżgura li l-informazzjoni rrapportata tipprovdi bażi suffiċjenti biex jiġi vverifikat u mmonitorjat il-progress biex jinkisbu l-miri stabbiliti fil-paragrafi 2, 5 u 6 tal-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva.
- (9) Għall-fini tar-rappurtar ta' data dwar il-kisba tal-miri tal-landfills għall-iskart muniċipali bijodegradabbli stabbiliti fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 1999/31/KE, l-Istati Membri kienu qed jużaw il-format stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/738/KE^(*). Peress li d-dispożizzjonijiet ta' dik id-Deċiżjoni relatati mas-sottomissjoni ta' rapporti dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/31/KE ma għadhomx validi, jenħtieġ li dik id-Deċiżjoni titħassar. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità, jenħtieġ li jiġu adottati dispożizzjonijiet tranżizzjonali fir-rigward tad-data ta' skadenza għar-rappurtar tad-data dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 1999/31/KE għas-snin ta' referenza mill-2016 sal-2017.
- (10) Ir-regoli għall-kalkolu, għall-verifika u għar-rappurtar tad-data dwar l-implimentazzjoni tal-punti 5 sa 6 tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 1999/31/KE huma marbuta mill-qrib mar-regoli li jistabbilixxu l-formati għar-rappurtar ta' dik id-data u tad-data dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(2) ta' dik id-Direttiva. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn dawk ir-regoli u jiġi ffaċilitat l-aċċess għalihom, jenħtieġ li ż-żewġ settijiet ta' regoli jiġu stabbiliti f'Deċiżjoni waħda.
- (11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE,

(*) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/738/KE tas-17 ta' Novembru 2000 li tikkonċerna kwestjonarji għar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/31/KE dwar it-tpoġġija tal-iskart f'landfill (ĠU L 298, tal-25.11.2000, p. 24).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, "ammont" tfisser massa mkejla f'tunnellati.

Artikolu 2

Kalkolu tal-iskart municijali rrapportat bħala mormi f'landfill skont l-Artikolu 5a tad-Direttiva 1999/31/KE

1. L-ammont ta' skart municijali rrapportat bħala mormi f'landfill għandu jinkludi l-iskart municijali kollu msemmi fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 5a(1) tad-Direttiva 1999/31/KE li jiġi ddepożitat fil-landfills, inkluż fejn id-depożitu ta' skart municijali trattat f'landfills jiżgura konformità mal-punt 5 tal-Anness I tad-Direttiva 1999/31/KE.

L-ammont ta' skart municijali rrapportat bħala mormi f'landfill ma għandux jiġi kkoreġut billi jitnaqqas il-kontenut ta' ndewwa tiegħu.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 5a(1)(b) tad-Direttiva 1999/31/KE, meta l-iskart municijali jiġi ttrasportat lejn Stat Membru ieħor jew jiġi esportat mill-Unjoni lejn pajjiż terz għall-fini ta' riċiklaġġ jew irkupru ieħor f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, l-ammont ta' skart li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' trattament li saru qabel ir-riċiklaġġ jew irkupru ieħor, u li mbagħad jintrema f'landfill jew jgħaddi għal proċess ta' inċinerazzjoni sabiex imbagħad jintrema f'landfill fil-pajjiż tad-destinazzjoni għandu jiġi inkluż fl-ammont ta' skart municijali rrapportat li jkun intrema f'landfill mill-Istat Membru li fih ikun inġabar l-iskart municijali.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 5a(1)(c) tad-Direttiva 1999/31/KE, l-ammont ta' skart municijali li jgħaddi minn operazzjonijiet ta' rimi ta' inċinerazzjoni sabiex imbagħad jintrema f'landfill għandu jkun l-ammont ta' skart municijali li jidħol f'faċilitajiet għal operazzjonijiet ta' inċinerazzjoni kklassifikati bħala D10 f'konformità mal-Anness I tad-Direttiva 2008/98/KE wara, li jitnaqqsu l-materjali li jorjiginaw mill-iskart municijali li mbagħad jiġu rkuprati mill-iskart li jirriżulta minn dawn l-operazzjonijiet ta' rimi b'inċinerazzjoni.

L-ammont ta' materjali li għandhom jitnaqqsu għandu jiġi kkalkulat billi jitqies is-sehem ta' skart municijali fl-iskart kollu li jidħol fil-faċilità u, fejn xieraq, il-kompożizzjoni ta' skart għajr skart municijali li jidħol fil-faċilità.

4. Għall-finijiet tal-Artikolu 5a(1)(d) tad-Direttiva 1999/31/KE, għandu japplika dan li ġej:

- (a) l-iskart li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' verifika, ta' tindif u ta' tiswija biex jiġi mħejji skart municijali għall-użu mill-ġdid u li mbagħad jintrema f'landfill għandu jiġi inkluż fl-ammont ta' skart municijali rrapportat bħala mormi f'landfill. Mill-iskart municijali rrapportat bħala mormi f'landfill, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu partijiet ta' prodotti jew ta' komponenti ta' prodotti li jitnehew matul l-operazzjonijiet ta' tiswija biex iħejju skart municijali għall-użu mill-ġdid;
- (b) il-materjali li jkunu tnehew b'mod mekkaniku waqt jew wara t-trattament aerobiku jew anaerobiku tal-bijoskart municijali u li mbagħad jintremew f'landfill għandhom jiġu inklużi fl-ammont ta' skart municijali rrapportat bħala mormi f'landfill;
- (c) l-iskart prodott matul l-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ tal-iskart municijali għandu jkun skart li jiġi prodott matul operazzjonijiet ta' riċiklaġġ li l-iskart municijali jgħaddi minnu wara l-punt tal-kalkolu kif definit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1004.

Artikolu 3

Rapportar tad-data

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-data u jippreżentaw ir-rapport tal-verifika tal-kwalità dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 1999/31/KE fil-format stabbilit fl-Anness I.

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-data u jippreżentaw ir-rapport tal-verifika tal-kwalità dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(5) u (6) tad-Direttiva 1999/31/KE fil-format stabbilit fl-Anness II.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data rrapportata mill-Istati Membri sakemm fir-rigward tal-informazzjoni inkluża fir-rapporti ta' verifika tal-kwalità Stat Membru ma jkunx ipprova rikjesta ġustifikata biex ma tiġix ippubblikata ċerta data.

Artikolu 4

Tħassir

Id-Deċiżjoni 2000/738/KE hija mħassra.

Artikolu 5

Dispożizzjoni tranżitorja

Id-data dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 1999/31/KE għas-snin ta' referenza 2016 u 2017 għandha tiġi rrapportata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2019.

Artikolu 6

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Karmenu VELLA
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

Format għar-rapportar ta' data dwar ir-rimi f'landfill ta' skart municijali bijodegradabbli msemmi fl-Artikolu 3(1)**1. Format għar-rapportar tad-data**

Skart municijali bijodegradabbli prodott fl-1995, jew l-aħħar sena qabel l-1995 li għaliha hemm disponibbli <i>data</i> standardizzata tal-Eurostat, jew is-sena stipulata fit-Trattat tal-Adeżjoni rispettiv għall-Istati Membri li ngħaqdu mal-UE wara l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE ⁽¹⁾		Skart municijali bijodegradabbli ddepożitat f'landfills fis-sena ta' referenza
Sena	(t)	(t)

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1).

2. Format għar-rapport ta' verifika tal-kwalità li jakkumpanja d-data**I. Informazzjoni ġenerali**

1. Stat Membru:
2. Organizzazzjoni li qed tibgħat id-*data* u d-deskrizzjoni:
3. Persuna ta' kuntatt/dettalji ta' kuntatt:
4. Sena ta' referenza:
5. Data tal-ġarr/verżjoni:
6. Link għall-pubblikazzjoni tad-*data* mill-Istat Membru (jekk hemm):

II. Informazzjoni dwar ir-rimi f'landfill ta' skart municijali bijodegradabbli

1. Deskrizzjoni tal-organizzazzjoni tal-ġbir tad-*data*, is-sorsi tad-*data* u l-metodoloġija użata
-
-

2. Deskrizzjoni tat-tipi ta' skart ikklassifikati fil-livell nazzjonali bħala skart municijali bijodegradabbli
-
-

3. Deskrizzjoni ta' kwalunkwe stima użata biex tkopri lakuni fid-*data*
-
-

4. Spjegazzjoni ta' differenzi sinifikanti mid-*data* tas-sena ta' referenza preċedenti
-
-

5. Deskrizzjoni tal-kwistjonijiet ewlenin li jaffettwaw l-akkuratezza tad-*data*
-
-

ANNEX II

Format għar-rappurtar ta' data dwar l-iskart municijali msemmi fl-Artikolu 3(2)**1. Format għar-rappurtar tad-data**

Ġenerazzjoni tal-iskart municijali (t)	Ir-rimi f'landfills (t)	Rimi b'inċinerazzjoni (t)	L-irkupru materjali tal-iskart mir-rimi b'inċinerazzjoni (t)

(¹) Din il-kolonna ma tinkludix skart li jgħaddi minn operazzjonijiet ta' rimi b'inċinerazzjoni sabiex imbagħad jintrema f'landfills.

(²) Ir-rimi ta' inċinerazzjoni jirreferi għal operazzjonijiet imwettqa mill-faċilitajiet ikklassifikati bħala D10 fl-Anness I tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

Għall-finijiet tal-kalkolu ta' jekk intlaħqux il-miri stipulati fil-paragrafi 5 u 6 tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfills (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1), is-somma tal-iskart municijali li huwa soġġett għal rimi f'landfills u skart municijali li jgħaddi minn operazzjonijiet ta' rimi b'inċinerazzjoni sabiex imbagħad jintrema f'landfills wara t-tnaqqis ta' materjal irkuprat aktar tard minn skart li jirriżulta minn tali operazzjonijiet ta' rimi b'inċinerazzjoni, hija diviża bl-ammont ta' skart municijali ġġenerat.

2. Format għar-rapport ta' verifika tal-kwalità li jakkumpanja d-data**I. Informazzjoni ġenerali**

1. Stat Membru:
2. Organizzazzjoni li qed tibgħat id-data u d-deskrizzjoni:
3. Persuna ta' kuntatt/dettalji ta' kuntatt:
4. Sena ta' referenza:
5. Data ta' ġarr/verżjoni:
6. Link għall-pubblikazzjoni tad-data mill-Istat Membru (jekk hemm):

II. Informazzjoni dwar ir-rimi tal-iskart municijali f'landfills

1. Deskrizzjoni tal-entitajiet involuti fil-ġbir tad-data

Isem l-istituzzjoni	Deskrizzjoni tar-responsabbiltajiet ewlenin
<i>Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ</i>	

2. Deskrizzjoni tal-metodi użati

- 2.1. Deskrizzjoni ġenerali tal-ġbir tad-data dwar ir-rimi ta' skart municijali fil-landfills, inklużi s-sorsi tad-data (id-data amministrattiva; sħarriġ; reġistru elettroniku; data mill-operaturi tal-iskart; data mill-muniċipalitajiet)

- 2.2. Deskrizzjoni tal-metodoloġija li tintuża biex tinkludi l-iskart li jirriżulta mill-operazzjonijiet ta' trattament qabel ir-riċiklaġġ jew irkupru ieħor tal-iskart municijali li mbagħad jintrema f'landfill

2.2.1. Deskrizzjoni tal-approċċ biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-iskart municijali meta jgħaddi minn trattament, inkluż l-użu ta' kodiċijiet relatati mal-ġenerazzjoni tal-iskart municijali (bħal dawk fil-Kapitolu 20 fil-lista ta' skart stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż, ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3) u kodiċijiet relatati mal-iskart mit-trattament tal-iskart (bħal dawk fil-Kapitolu 19 fil-lista ta' skart stabbilita b'dik id-Deċiżjoni)

2.3. Deskrizzjoni tal-approċċ biex jiġi inkluż skart li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' trattament qabel ir-riċiklaġġ jew irkupru ieħor ta' skart municijali u mbagħad mormi f'landfills barra l-Istat Membru

2.4. Deskrizzjoni tal-ġbir tad-*data* dwar l-iskart municijali li jgħaddi minn operazzjonijiet ta' rimi b'inċinerazzjoni sabiex imbagħad jintrema f'landfill, inkluża l-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-materjali li joriġinaw mill-iskart municijali li jiġu rkuprati mill-iskart li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' rimi b'inċinerazzjoni.

2.5. Deskrizzjoni ta' kwalunkwe stima użata biex tkopri lakuni fid-*data* dwar l-iskart municijali f'landfill

2.6. Differenzi mid-*data* tas-sena ta' referenza preċedenti

Bidliet metodoloġiċi sinifikanti fil-metodu tal-kalkolu użat għas-sena ta' referenza attwali, jekk hemm (b'mod partikolari r-reviżjonijiet retrospettivi, in-natura tagħhom u jekk għandux jiġi mmarkat waqfien fis-serje għal sena speċifika)

Spjegazzjoni li tagħti dettalji dwar il-kawżi tad-differenza bejn it-tunnellaġġ meta l-iskart municijali li jkun soġġett għal operazzjonijiet ta' rimi ta' skart f'landfills jew ta' rimi b'inċinerazzjoni sabiex sussegwentement ikun jista' jintrema f'landfill juri varjazzjoni akbar minn 10 % mid-*data* ppreżentata għas-sena ta' referenza ta' qabel

3. Akkuratezza tad-data

3.1 Deskrizzjoni tal-kwistjonijiet ewlenin li jaffettwaw il-akkuratezza tad-data dwar ir-rimi ta' skart municijali f'landfill

3.2 Deskrizzjoni tal-ambitu u tal-validità tal-istħarriġ għall-ġbir tad-data dwar ir-rimi f'landfills tal-iskart municijali

4. Kunfidenzjalità

Ġustifikazzjoni biex ma jiġux ippubblikati partijiet speċifiċi ta' dan ir-rapport, fejn issir talba għal dan.

5. Siti web, dokumenti ta' referenza u publikazzjonijiet nazzjonali ewlenin

—————